# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 500/01mm**

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Charles Azzopardi u martu Doreen Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u zewg liri Maltin (Lm702.00) rapprezentanti import ta' disa' (9) kambjali ta' Lm78 il-wahda, debitament accettati u

skaduti minn Settembru, 2000, sa' Mejju, 2001, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 9 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sad-9 ta' Mejju, 2001, jammontaw ghal Lm20, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu, 2001, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-4 ta' Lulju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.